# Tmenin Sena ilu:

# *Is-Sehem tal-Mosta fil-Kungress Ewkaristiku tal-1913*

minn Tony Terribile

Din is-sena jaħbat it-tmenin anniversarju miċ-ċelebrazzjoni tal-erbgħa u għoxrin Kungress Ewkaristiku li kien sar f'dawn il-gżejjer fl-1913. Kienet ġrajja kbira għal dawn il-gżejjer li fiha l-Mosta kellha parti importanti ħafna, billi l-laqgħat prinċipali saru fil-knisja parrokkjali tal-Assunta.



*L-ewwel laqgħa tal-Kungress Ewkaristiku fil-Knisja tal-Mosta.*

Kif daħlet il-knisja parrokkjali tal-Mosta f'dan il-Kungress? Dan hu s-suġġett li se nitkellmu dwaru f'din il-kitba.

Fl-14 ta' Settembru 1912, Monsinjur Heylen, li kien il-President tal-Kumitat Internazzjonali, ħabbar uffiċjalment li l-erbgħa u għoxrin Kungress Ewkaristiku Internazzjonali kellu jsir fil-gżira ta' Malta bejn l-24 u 27 ta' April 1913.

Għal din l-aħbar ferħet Malta u mill-ewwel bdew it-tħejjijiet biex dan il-Kungress

jirnexxi u l-ewwelnett l-Arċisqof Pietro Pace waqqaf kumitat organizzattiv li f'idejh kellu r-responsabbiltà tat-tmexxija tal-Kungress.
Fit-18 ta' Ottubru 1912 Monsinjur Heylen wasal Malta biex jiddiskuti mal-kumitat lokali il-programm tal-Kungress. Tlett ijiem wara , jiġifieri fil-21 tax-xahar, l-Isqof Heylen iltaqa' mal-kumitat fl-Oratorju tal-Kon-Katidral ta' San Gwann u hemm tħabbar il-programm li kien għadu abbozz.
Ir-raba' punt li ħabbar Monsinjur Heylen kien jitkellem dwar il-post tal-laqgħat li kellu jkun il-*ground* tal-kulleġġ San Alwiġi, Birkirkara, billi dan kien jesa' aktar minn għaxart elef ruħ.
Din ma tantx ingħoġbot minn bosta membri tal-kumitat u meta dan il-punt instema' mill-poplu kien hemm bosta u bosta lmenti.
Fil-laqgħa tal-kumitat tas-17 ta' Diċembru 1912 il-Markiż Mattei tkellem fuq dan il-punt u wera l-ilmenti tan-nies. Għamel proposta biex dawn il-laqgħat jsiru fil-bitħa tal-Oratorju tas-Sależjani f'Tas-Sliema. Iżda l-Avukat Mizzi għamel proposta oħra, li jkun aħjar li dawn il-laqgħat hekk importanti, jsiru fi knisja u kien hawn li l-Avukat Mizzi ppropona li dawn isiru fil-knisja tal-Mosta. Iżda qam il-Markiż Mattei u qal li din il-knisja ma kenitx tesa' ħdax-il elf ruħ.
Xi membri oħra tal-kumitat qalu li l-Mosta hi bogħod wisq. Iżda oħrajn wieġbu li l-flus li kellhom jintefqu biex jissaqqaf il-ground ta' San Alwiġi jew tas-Sależjani kellhom jintużaw għat-trasport tal-kongressisti mill-Belt għall-Mosta.
Il-proposta tal-knisja tal-Mosta ġriet u ġriet ħafna u fil-ġurnali bdew jidhru bosta ittri.
Xnigħat oħra bdew jistaqsu jekk il-Mostin kenux lesti li jċedu l-knisja tagħhom għal din l-okkażjoni. Għalhekk nhar il-Ħadd 5 ta' Jannar, 1913 l-Arċipriet Mallia u l-kleru tal-Mosta laqqgħu l-poplu Mosti u fissrulhom xi tkun tfisser li l-knisja tal-Mosta tingħażel bħala s-sede tal-Kungress.
Il-Mostin approvaw din il-proposta, anzi fissru l-unur tagħhom li l-



*Il-W.R. Dun Pawl Mallia,*
*Arċipriet tal-Mosta bejn l-1907 u 1930*
*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*

knisja tagħhom kienet se tikseb dan il-ġieħ.
Ħamest ijiem wara, jiġifieri fl-10 ta' Jannar, fil-ġurnal *Malta e Sue Dipendenze* deher appell tal-Arċisqof Pietro Pace li fih talab li tinqata' kull kwistjoni, għaliex il-post magħżul kienet deċiżjoni ta' Monsinjur Heylen u tal-kumitat.
Ma' dan l-avviż jew aħjar appell, sar ukoll magħruf li n-Nutar Francesco Schembri Zarb kien se jilqa' l-offerti biex tissaqqaf il-bitħa tas-Sależjani għal-laqgħat tal-Kungress.
Il-polemika baqgħet għaddejja u sadattant iż-żmien beda għaddej b'ritmu mgħaġġel. Deċiżjoni kienet meħtieġa u din id-deċiżjoni ġiet meħuda fl-24 ta' Frar, 1913.
Fil-laqgħa tal-kumitat ta' dak in-nhar inqrat dikjarazzjoni uffiċjali tal-Arċisqof Pietro Pace li fiha qal li hu ma jsib ebda diffikultà li l-laqgħat tal-Kungress jsiru fil-Mosta basta din tkun ix-xewqa tal-kumitat. Il-kumitat mill-ewwel approva din il-proposta.
Jekk Malta ferħet li ntemmet din il-polemika, ferħu aktar il-Mostin li l-knisja tagħhom kien se jkollha dan l-unur. Mill-ewwel bdew it-tħejjijiet u twaqqaf kumitat apposta u meta qorob iż-żmien il-knisja, il-pjazza u t-triq prinċipali ġew armati bħal nhar il- festa titulari. Il-galleriji u t-twieqi ġew ukoll imżejna għal din l-okkażjoni. Il-Mostin taw kontribut kbir biex fir-raħal tagħhom tinħoloq atmosfera mill-isbaħ. Kull min żar il-Mosta f'dawk il-ġranet żgur li baqa' impressjonat bil-mod kif ġiet imżejna.



*L-inħawi tal-pjazza tal-Mosta mżejnin għall-okkażjoni, waqt il-wasla tal-kungressisti.*



*It-tiżjin fi Triq il-Kungress Ewkaristiku kien jikkonsisti prinċipalment f'kartelluni bi stemmi ta' l-Ewkaristija mpittra fuqhom.*

Nhar l-Erbgħa, 23 ta' April, 1913, wara nofsinhar it-toroq kollha li jwasslu għall-Mosta kienu mimlija ħajja. Numru kbir ta' karrozzini, u motorcars kienu qegħdin iwasslu lill-isqfijiet, kongressisti u nies oħra għaċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Kungress. L-inħawi ta' madwar il-knisja tal-Mosta kienu imballati bil-Maltin, li nġabru f'dak il-misraħ biex jaraw dik ix-xena.

Il-banda NICOLÒ ISOUARD kienet fuq iz-zuntier tal-knisja ddoqq marċi ferrieħa. Mal-wasla tal-karrozella tal-legat tal-Papa, il-misraħ tal-Mosta sploda biċ-ċapċip qawwi tal-Maltin filwaqt li l-qniepen daqqew mota ta' ferħ u l-legat tal-Papa baqa' sejjer fid-dar ta' l-Arċipriet fejn ġie mogħti merħba mill-kardinali l-oħra li kienu qegħdin jistennewh. Wara, akkumpanjat mill-istess kardinali u l-Arċipriet Mallia, hu daħal fil-knisja parrokkjali tal-Assunta li kienet mimlija bil-kongressisti.

F'din l-ewwel laqgħa tkellmu Monsinjur Heylen, Monsinjur Dun Pawl Gauci, li qara l-Brevi tal-Papa Piju X, il-legat tal-Papa, l-Arċisqof Pietro Pace, l-Isqof Angelo Portelli, Dr. A. Mattei, l-Isqof Emard u Patri Vincenz Sammut SJ.

Wara li ntemmet din il-laqgħa l-Legat tal-Papa u l-Kardinali flimkien mal-kumitat kienu l-mistiedna ta' Dr. Oreste Grech Mifsud fil-villa sabiħa tiegħu fil-Mosta.

Fit-tieni laqgħa tal-Ħamis tkellmu fil-knisja parrokkjali tal-Mosta Monsinjur Luigi Farrugia, l-Avukat Giovanni Galea u l-Kanonku A.F. Laynaud.

Fit-tielet laqgħa, li saret il-Ġimgħa, tkellmu l-Kardinal Bourne, l-Avukat Arturo

*......Ikompli paġna 60*

Mercieca, Patri Gemelli, Franġiskan, u t-tabib Gian Franġisk Inglott. Għalaq din il-laqgħa Monsinjur Heylen.

Is-Sibt, 26 ta' April, filgħodu kmieni l-Mosta kollha ħarġet bi ħġarha f'tarf ir-raħal biex tagħti merħba lill-Kardinal Bourne, li kellu jiċċelebra quddiesa solenni fil-knisja parrokkjali. Malli waslet il-karrozzella tal-Kardinal, il-Mostin neħħew iż-żwiemel u ġibduha huma sal-knisja parrokkjali fost il-ferħ kbir tal-poplu mmexxi mill-Banda Nicolò Isouard. Għal dan il-Pontifikal attendew bosta kongressisti, l-aktar Ingliżi, fosthom id-Duka ta' Norfolk.

Wara li ntemm il-Pontifikal il-kardinal ġie ppreżentat bil-kopja tal-ktieb miktub minn Dun Edgar Salomone *Mosta and its Charms* u wara hu kien mistieden għand Dr. Grech Mifsud.



*Il-Banda Nicolò Isouard issellem lill-Emm. T. il-Kardinal Domenico Ferrata, Legat tal-Papa, waqt li kien dieħel għall-ewwel laqgħa tal-Kungress nhar it-23 t'April, 1913.*

F'din l-aħħar ġurnata l-laqgħa tal-Kungress saret filgħodu. Fiha tkellmu Patri Leanza, Monsinjur Ġużeppi Farrugia, Vigarju ta' l-Isqof t'Għawdex, il-maġistrat Ġużeppi Cremona, l-Abbati Desgranges. Kien fi tmiem din il-laqgħa li l-Legat




*Il-Kardinali, l-Isqfijiet, il-Kongressisti u l-Kumitat Malti li ħadu sehem fl-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali miġbura fil-Villa ta' Dr. Oreste Grech Mifsud.*



*Tifkira tal-Pontifikal mill-Eċċ. Rev. il-Kardinal Francesco Bourne, Arċisqof ta' Westminster, fil-knisja tal-Mosta nhar is-26 t'April, 1913.*

tal-Papa ġie pprezentat b'tifkira ta' dan il-Kungress u dan kien kalċi tad-deheb li kien tal-Isqof Casolani. Il-preżentazzjoni saret mill-Arċisqof Pace u l-Isqof Portelli waqt applaws kbir li mela l-knisja tal-Mosta. Wara li ntemmet din il-laqgħa numru kbir ta' isqfijiet, kardinali u kongressisti oħra kienu l-mistiedna ta' Dr. Oreste Grech Mifsud.
Kif rajna l-Mosta kellha parti importanti kbira f'dawn il-ġranet tal-Kungress. Fil-kartolini li ġew stampati b'tifkira ta' dan il-Kungress, il-knisja tal-Mosta ġiet riprodotta f'bosta minnhom. L-istess saru fil-pubblikazzjonijiet u fin-numri speċjali tal-ġurnali li ħarġu għal din l-okkażjoni.
Illum għaddew tmenin sena minn din il-ġrajja u ftit ferm huma l-Mostin li għadhom jiftakru dik il-ġrajja kbira, li għamlet ġieħ lill-Mosta, iżda fil-Mosta ta' llum għadna naraw żewġ tifkiriet li huma l-irħama taħt il-kampnar tal-lemin u l-isem tat-triq ta' quddiem il-knisja - Triq il-Kungress Ewkaristiku.

